



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 22 ta' Novembru 2022
(OR. en)

14549/22

LIMITE

CORLX 1055
CFSP/PESC 1523
CODUN 60
COARM 231
COWEB 153
COEST 812

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL b'appoġġ għaċ-Ċentru tax-Xlokk u tal-Lvant tal-Ewropa għall-Kontroll tal-Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir (SEESAC) għall-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali Reġjonali għall-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi fil-Balkani tal-Punent u b'appoġġ għall-attivitajiet ta' diżarm u kontroll tal-armi fix-Xlokk u l-Lvant tal-Ewropa

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/...

ta' ...

b'appoġġ għaċ-Ċentru tax-Xlokk u tal-Lvant tal-Ewropa għall-Kontroll tal-Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir (SEESAC) għall-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali Reġjonali għall-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi fil-Balkani tal-Punent u b'appoġġ għall-attivitajiet ta' diżarm u kontroll tal-armi fix-Xlokk u l-Lvant tal-Ewropa

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28(1) u 31(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) L-Istrateġija tal-UE kontra l-armi tan-nar, armi ħfief u ta' kalibru żgħir illeċiti (SALW) u l-munizzjon tagħhom tal-2018, intitolata "Aktar sigurtà fuq l-armi biex niproteġu liċ-ċittadini" ("l-Istrateġija tal-UE dwar is-SALW"), tiddikjara li l-Unjoni tagħti prominenza partikolari lill-kooperazzjoni reġjonali bħala mezz effiċjenti ta' kontroll tal-armi ta' kalibru żgħir. L-Istrateġija tal-UE dwar is-SALW semmiet lill-Balkani tal-Punent bħala reġjun ta' prijorità għall-appoġġ.
- (2) Fis-17 ta' Mejju 2018, fis-Summit bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent f'Sofija, il-mexxejja tal-Unjoni qablu dwar id-Dikjarazzjoni ta' Sofija, li magħha allinjaw ruħhom is-sħab tal-Balkani tal-Punent, u li tinkludi l-impenn tat-tisħiħ b'mod sinifikanti tal-kooperazzjoni operazzjonali fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata internazzjonali f'oqsma ta' prijorità bħall-armi tan-nar, id-drogi, il-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali u t-traffikar ta' bnedmin.
- (3) Ir-reġjun tal-Balkani tal-Punent jibqa' wieħed mis-sorsi tat-traffikar illeċitu ta' armi fl-Unjoni.

- (4) Fl-10 ta' Lulju 2018, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ospita l-ħames Summit tal-Balkani tal-Punent, f'Londra, li adotta l-“Pjan Direzzjonali Reġjonali għal soluzzjoni sostenibbli għall-pussess illegali, l-użu ħażin u t-traffikar ta' SALW/armi tan-nar u l-munizzjoni tagħhom fil-Balkani tal-Punent sal-2024” (il-“Pjan Direzzjonali”), li ttejjja mill-kummissjonijiet għas-SALW tal-Balkani tal-Punent fil-qafas tal-inizjattiva Franko-Ġermaniża ta' koordinazzjoni tad-donaturi rigward it-traffikar illeċitu ta' armi tan-nar fil-Balkani tal-Punent. Dawk il-kummissjonijiet qed iħejju l-pjanijiet ta' azzjoni tagħhom għall-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali.
- (5) L-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti (NU), adottata fil-25 ta' Settembru 2015, affermat li l-iżvilupp sostenibbli ma jistax jinkiseb mingħajr il-paċi u s-sigurtà u li l-flussi ta' armi illeċiti huma fost il-fatturi li jwasslu għall-vjolenza, in-nuqqas ta' sigurtà u l-inġustizzja.
- (6) Fit-Tmien Laqgħa Biennali tal-Istati partijiet (BMS8) dwar l-implimentazzjoni tal-Programm ta' Azzjoni għall-Prevenzjoni, il-Ġlieda kontra u l-Qerda tal-Kummerċ Illeċitu tal-Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir fl-Aspetti Kollha Tiegħu, li saret f'Lulju 2022 fin-NU f'New York, l-Istati Membri tan-NU impenjaw ruħhom li jsaħħu s-sħubiji u l-kooperazzjoni fil-livelli kollha għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kummerċ illeċitu tas-SALW, u biex jippromwovu u jsaħħu l-kooperazzjoni fuq il-fruntieri u l-koordinazzjoni reġjonali u subreġjonali.

- (7) L-għanijiet tal-Pjan Direzzjonali maqbula mis-sħab tal-Balkani tal-Punent huma konsistenti mal-isforzi fl-Unjoni u n-NU fil-ġlieda kontra l-akkumulazzjoni u t-traffikar illeċiti ta' SALW u l-munizzjon tagħhom. Għaldaqstant, l-Unjoni jenħtieġ li tappoġġa lill-Balkani tal-Punent fl-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali.
- (8) Iċ-Ċentru tax-Xlokk u tal-Lvant tal-Ewropa għall-Kontroll tal-Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir (SEESAC - South Eastern and Eastern Europe Clearinghouse for the Control of Small Arms and Light Weapons) ġie stabbilit f'Belgrad fl-2002 u jiffunzjona taħt il-mandat konġunt tal-Programm ta' Żvilupp tan-NU (UNDP) u tal-Kunsill għall-Kooperazzjoni Reġjonali (KKR). Is-SEESAC huwa s-suċċessur għall-Patt ta' Stabbiltà għax-Xlokk tal-Ewropa, jassisti lill-partijiet ikkonċernati nazzjonali u reġjonali fil-kontroll u t-tnaqqis tal-firxa u l-użu ħażin ta' SALW u munizzjon, u b'hekk jikkontribwixxi għat-titjib tal-istabbiltà, is-sigurtà u l-iżvilupp ix-Xlokk u fil-Lvant tal-Ewropa. Is-SEESAC jagħmel enfasi partikolari fuq l-iżvilupp ta' proġetti reġjonali biex tiġi indirizzata r-realtà tal-flussi transfruntieri tal-armi.

- (9) L-Unjoni fil-passat appoġġat lis-SEESAC permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/842/PESK¹, estiża u emendata bid-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2003/807/PESK² u 2004/791/PESK³, kif ukoll permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/179/PESK⁴, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/730/PESK⁵, estiża bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/2051⁶, id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2356⁷ u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/2021⁸, estiża bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/2161⁹.

-
- ¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/842/PESK tal-21 ta' Ottubru 2002 dwar l-implimentazzjoni tal-Azzjoni Konġunta 2002/589/PESK bl-għan li l-Unjoni Ewropea tagħti l-kontribut tagħha biex tikkumbatti l-akkumulazzjoni destabilizzanti u t-tixrid ta' armi ħfief u żgħar fix-Xlokk tal-Ewropa (ĠU L 289, 26.10.2002, p. 1).
- ² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/807/PESK tas-17 ta' Novembru 2003 li testendi u temenda d-Deċiżjoni 2002/842/PESK li tikkonċerna l-implimentazzjoni tal-Azzjoni Konġunta 2002/589/PESK sabiex l-Unjoni Ewropea tikkontribwixxi għall-għieda kontra l-akkumulazzjoni u l-firxa ta' armamenti żgħar fix-Xlokk tal-Ewropa (ĠU L 302, 20.11.2003, p. 39).
- ³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/791/PESK tat-22 ta' Novembru 2004 li testendi u temenda d-Deċiżjoni 2002/842/PESK li timplimenta l-Azzjoni Konġunta 2002/589/PESK bil-ħsieb ta' kontribut tal-Unjoni Ewropea għall-għieda kontra l-akkumulazzjoni u t-tixrid destabilizzanti ta' armi żgħar u armamenti ħfief fl-Ewropa tax-Xlokk (ĠU L 348, 24.11.2004, p. 46).
- ⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/179/PESK tal-11 ta' Marzu 2010 b'appoġġ għall-attivitajiet tas-SEESAC fil-kontroll ta' armi fil-Balkani tal-Punent, fil-qafas tal-Istrateġija tal-UE għall-għieda kontra l-akkumulazzjoni u t-traffikar illeċiti tas-SALW u tal-munizzjon tagħhom (ĠU L 80, 26.3.2010, p. 48).
- ⁵ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/730/PESK tad-9 ta' Diċembru 2013 b'appoġġ għall-attivitajiet ta' SEESAC ta' diżarm u ta' kontroll ta' armi fix-Xlokk tal-Ewropa fil-qafas tal-Istrateġija tal-UE għall-għieda kontra l-Akkumulazzjoni u t-Traffikar Illeċiti ta' SALW u l-Munizzjon tagħhom (ĠU L 332, 11.12.2013, p. 19).
- ⁶ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/2051 tas-16 ta' Novembru 2015 li temenda d-Deċiżjoni 2013/730/PESK b'appoġġ għall-attivitajiet ta' SEESAC ta' diżarm u ta' kontroll ta' armi fix-Xlokk tal-Ewropa fil-qafas tal-Istrateġija tal-UE għall-għieda kontra l-Akkumulazzjoni u t-Traffikar Illeċiti ta' SALW u l-Munizzjon tagħhom (ĠU L 300, 17.11.2015, p. 19).
- ⁷ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2356 tad-19 ta' Diċembru 2016 b'appoġġ għall-attivitajiet tas-SEESAC rigward id-diżarm u l-kontroll tal-armi fix-Xlokk tal-Ewropa fil-qafas tal-Istrateġija tal-UE għall-għieda kontra l-akkumulazzjoni u t-traffikar illeċiti ta' SALW u l-munizzjon tagħhom (ĠU L 348, 21.12.2016, p. 60).
- ⁸ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1788 tad-19 ta' Novembru 2018 b'appoġġ għaċ-Ċentru tax-Xlokk u tal-Lvant tal-Ewropa għall-Kontroll tal-Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir (SEESAC) għall-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali Reġjonali għall-għieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi fil-Balkani tal-Punent (ĠU L 293, 20.11.2018, p. 11).
- ⁹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/2161 tas-6 ta' Diċembru 2021 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1788 b'appoġġ għaċ-Ċentru tax-Xlokk u tal-Lvant tal-Ewropa għall-Kontroll tal-Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir (SEESAC) għall-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali Reġjonali dwar il-għieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi fil-Balkani tal-Punent (ĠU L 436, 7.12.2021, p. 46).

- (10) L-Unjoni tikkunsidra li s-SEESAC hu s-sieħeb preferut għall-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali fil-Balkani tal-Punent, minħabba l-esperjenza ppruvata u n-netwerk stabbilit tiegħu, il-kwalità ppruvata tal-ħidma tiegħu u r-rwol ta' koordinazzjoni tiegħu fit-tnejn tal-Pjan Direzzjonali.
- (11) Jenħtieġ li l-azzjoni li tirriżulta minn din id-Deċiżjoni tibni fuq il-bażi li nħolqot mill-kisbiet taħt id-Deċiżjonijiet preċedenti tal-Kunsill b'appoġġ għas-SEESAC.
- (12) Barra minn hekk, jenħtieġ li din l-azzjoni tal-Unjoni tipprovdi appoġġ għall-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu fir-Repubblika tal-Moldova u fl-Ukrajna, stati li qed jiffaċċaw sfidi simili għall-kontroll tas-SALW. Jenħtieġ li din l-azzjoni tagħmel dan permezz tat-trasferiment tal-għarfien u l-esperjenzi miksuba u l-aħjar prattiki żviluppata fil-Balkani tal-Punent sa mill-2001,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. L-Unjoni għandha tappoġġa lis-sħab tal-Balkani tal-Punent bl-implimentazzjoni tal-"Pjan Direzzjonali Reġjonali għal soluzzjoni sostenibbli għall-pussess illegali, l-użu ħażin u t-traffikar ta' SALW/armi tan-nar u l-munizzjon tagħhom fil-Balkani tal-Punent sal-2024". L-għanijiet stabbiliti fil-Pjan Direzzjonali huma:
- (a) sal-2023, jiġi żgurat li tkun fis-seħħ il-leġiżlazzjoni dwar il-kontroll tal-armi, armonizzata bis-sħiħ mal-qafas regolatorju tal-UE u ma' obbligi internazzjonali relatati oħra u standardizzata fir-reġjun kollu;
 - (b) sal-2024, jiġi żgurat li l-politiki u l-prattiki dwar il-kontroll tal-armi fil-Balkani tal-Punent ikunu bbażati fuq l-evidenza u mmexxija mill-intelligence;
 - (c) sal-2024, jitnaqqsu b'mod sinifikanti l-flussi illeċiti ta' armi tan-nar, munizzjon u splusivi (FAE) ġewwa u lil hinn mill-Balkani tal-Punent;
 - (d) sal-2024, jitnaqqsu b'mod sinifikanti l-forniment, id-domanda u l-użu ħażin ta' armi tan-nar permezz ta' aktar ħidma ta' sensibilizzazzjoni, edukazzjoni, tixrid ta' informazzjoni u promozzjoni;
 - (e) sal-2024, jitnaqqas b'mod sostanzjali l-għadd stmat ta' armi tan-nar f'pussess illeċitu fil-Balkani tal-Punent;

- (f) jitnaqqas b'mod sistematiku l-ammont żejjed u jinqerdu l-armi ħfief u ta' kalibru żgħir u l-munizzjon sekwestrati;
- (g) jitnaqqas b'mod sinifikanti r-riskju ta' proliferazzjoni u d-diverżjoni ta' armi tan-nar, munizzjon u splussivi.
2. B'mod addizzjonali għall-għanijiet imsemmija fil-paragrafu 1, din l-azzjoni tal-Unjoni għandha tipprovdi appoġġ għall-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu fir-Repubblika tal-Moldova u l-Ukrajna.
3. Sabiex tikseb l-għanijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2, l-Unjoni għandha, permezz ta' din id-Deċiżjoni:
- (a) tappoġġa l-koordinazzjoni u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali għal soluzzjoni sostenibbli għall-pussess illeġali, l-użu ħażin u t-traffikar ta' SALW/armi tan-nar u l-munizzjon tagħhom fil-Balkani tal-Punent;
- (b) tappoġġa lill-awtoritajiet fil-Balkani tal-Punent fl-armonizzazzjoni sħiħa tal-leġiżlazzjoni tagħhom dwar il-kontroll tal-armi mal-qafas regolatorju tal-Unjoni u ma' obbligi internazzjonali relatati oħra; u
- (c) tipprovdi appoġġ għall-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi fil-Balkani tal-Punent, fir-Repubblika tal-Moldova u fl-Ukrajna permezz ta' valutazzjonijiet tal-kapaċitajiet u assistenza teknika għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u l-pulizija tal-fruntiera.

4. L-ambitu ġeografiku tal-proġett huwa l-Balkani tal-Punent, filwaqt li l-benefiċjarji diretti tal-proġett huma l-Albanija, il-Bożnija-Herzegovina, il-Kosovo*, il-Montenegro, is-Serbja u l-Maċedonja ta' Fuq.

Barra minn hekk, għall-għanijiet imsemmija fil-paragrafu 2, il-proġett għandu jipprovdi appoġġ lir-Repubblika tal-Moldova u lill-Ukrajna.

5. Deskrizzjoni dettaljata tal-proġett tinsab fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

1. Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ("RGħ") għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.
2. L-implimentazzjoni teknika tal-proġett imsemmija fl-Artikolu 1 għandha titwettaq mis-SEESAC, fejn meħtieġ f'koordinazzjoni mal-Mexxej ta' pjattaforma multidixxiplinari Ewropea kontra t-theddid kriminali (EMPACT) Firearms.
3. Is-SEESAC għandu jwettaq il-kompitu tiegħu taħt ir-responsabbiltà tar-RGħ. Għal dak l-għan, ir-RGħ għandu jstabbilixxi l-arranġamenti meħtieġa mal-UNDP, li għandu jaġixxi fisem is-SEESAC.

* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

Artikolu 3

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-implimentazzjoni tal-proġett iffinanzjat mill-Unjoni msemmi fl-Artikolu 1 għandu jkun ta' EUR 4 006 955,58.
2. L-infiq iffinanzjat mill-ammont ta' referenza li jinsab fil-paragrafu 1 għandu jiġi amministrat f'konformità mal-proċeduri u r-regoli applikabbli għall-baġit tal-Unjoni.
3. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-amministrazzjoni korretta tal-infiq imsemmi fil-paragrafu 2. Għal dak il-għan, għandha tikkonkludi l-ftehim meħtieġ mal-UNDP, li għandu jaġixxi f'isem is-SEESAC. Il-ftehim għandu jistipula li s-SEESAC għandu jżgura l-viżibbiltà tal-kontribuzzjoni tal-UE, adatt skont id-daqs tagħha.
4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel hilita biex tikkonkludi l-ftehim imsemmi fil-paragrafu 3 malajr kemm jista' jkun wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. Hija għandha tinforma lill-Kunsill bi kwalunkwe diffikultà f'dak il-proċess u dwar id-data tal-konklużjoni tal-ftehim.

Artikolu 4

1. Ir-RGħ għandu jirrapporta lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni abbażi ta' rapporti regolari kull tliet xhur imħejjija mis-SEESAC. Dawk ir-rapporti għandhom jiffurmaw il-bażi tal-evalwazzjoni mwettqa mill-Kunsill.
2. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-aspetti finanzjarji tal-proġett imsemmi fl-Artikolu 1.

Artikolu 5

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.
2. Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi 36 xahar wara d-data tal-konklużjoni tal-ftehim imsemmi fl-Artikolu 3(3). Madankollu, għandha tiskadi sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ tagħha jekk ma jkun ġie konkluż l-ebda ftehim f'dak il-perjodu ta' sitt xhur.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
